**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 22 ta' Marzu, 2022

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### AĠENDA Numru 41

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 41 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu, 2022 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
41.5 Rapporti;
41.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
41.7 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali;
41.8 Aġġornament dwar it- Tender for the Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friendly Manner in Qrendi;
41.9 Aġġornament dwar Tender for the Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friendly Manner in Qrendi;
41.10 Tender għal Servizz għal Tindif ta' Toroq Mhux Urbani u Siti Oħra fil-Qrendi;
41.11 Fondi – Proġetti fil-Komunitajiet (2022);
41.12 Servizz ta' Data Protection Officer;
41.13 Sistema ta' Payroll għall-Uffiċċju Amministrattiv;
41.14 Performance Bonus għas-Sena 2021 tal-Ex Segretarju Eżekuttiv u l-Ex Clerk tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
41.15 Data għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita';
41.16 Sotto Kumitat Finanzi;
41.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
41.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-41 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu, 2022 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

41.1 <u>**QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**</u>

41.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 41.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

41.2.1 Il-Minuti tad-39 u l-40 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

41.2.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis ssekondat l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 41.3, 41.4 u 41.5 jiġu diskussi wara Minuta 41.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 41.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

41.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li saret laqgħa mal-perit u l-kuntrattur sabiex jaraw x'għad fadal isir. Issa irridu nibdew naħsbu għal bandli u l-iffinixjar ta' ġewwa tal-binja.

41.6.2 Is-Sindku nforma ukoll l-kamra li ħarġet skema mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' playing fields fejn il-Kunsill ser jissottometti l-applikazzjoni tiegħu sabiex inkunu nistgħu nieħdu 80% tal-proġett.

41.6.3 Kompla jgħid li qed isiru diskussjonijiet sabiex ikun hemm charging pillar stations fl-area.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

41.7 **AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U UFFIĊJAL EŻEKUTTIV MAL-KUNSILL LOKALI**

41.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li saru l-intervisti għal kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, intbagħad ir-rapport tal-bord lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Id-dipartiment talab xi dokumentazzjoni oħra u bħalissa qed nistennew direzzjoni mingħandhom sabiex naraw jekk il-persuna identifika tistax tokkupa l-kariga jew le.

41.7.2 Fir-rigward tal-kariga tal-Uffiċjal Eżekuttiv, wara li saru l-intervisti l-bord identifika persuna għal din il-kariga pero d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qalet li din il-persuna ma hiex kwalifikata minħabba li għandha A'Level wieħed u mhux 2, minkejja li l-persuna hija gradwata.

41.7.2.2 Fil-preżent qed nistennew li l-Jobsplus tgħaddilna t-tieni lista ta' kandidati sabiex naraw min minnhom hu interessat li japplika u jsiru l-intervisti.

41.8 **AĠĠORNAMENT DWAR TENDER FOR THE STREET SWEEPING AND COMMUNITY CLEANSING IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER IN QRENDI**

41.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-kuntratt ġie iffirmat u l-kuntrattur anke tagħna l-bank guarantee hekk kif mitluba. Fir-rigward tad-datatrak dawn inxtraw imma sa issa għadna qed nistennew li tiġi utilizzata.

41.08.2 Qal ukoll li qegħda tiġi persuna waħda u mhux tnejn kif stipulat fil-kuntratt. Hu ppropona li ladabra jagħlaq il-kuntratt, ma ssirx estenzjoni imma jinħareġ tender ġdid. Il-Kunill qabel b'mod unanimu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

41.09 **AĠĠORNAMENT DWAR TENDER FOR THE CLEANING OF PUBLIC CONVENIENCES IN THE LOCALITY OF QRENDI, IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER**

41.09.1 Is-Sindku David Schembri informa l-kamra li s-sentenza tal-bord tad-Dipartiment tal-Kuntratti kienet favur il-Kunsill Lokali. Qabel inkunu nistgħu nipproċedu sabiex jingħata t-tender lil kuntrattur konċernat irridu nistennew 20 ġurnata f'każ li jkun hemm appell.

41.10 **TENDER GĦAL SERVIZZ GĦAL TINDIF TA' TOROQ MHUX URBANI U SITI OĦRA FIL-QRENDI**

41.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-sottomissjonijiet tat-tender għalqu. Issa irrid jiltaqa l-bord sabiex jevalwaw id-dokumentazzjonijiet.

41.10.2 Is-Sindku ppropona li l-Bord ikun kompost minn:
Christian Gravina - Accountant
Dr Tiffany Attard - Avukat
Duncan Hall – Persuna Kwalifikata

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

41.11 **FONDI PROĠETTI FIL-KOMUNITAJIET (2022)**

41.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-applikazzjoni li kient saret mal-LESA fir-rigward tal-isqaqien ġiet aċċettata u għalhekk issa irridu nikkuntatjaw lill-Perit tal-Kunsill sabiex inkunu nistgħu nibdew il-proċeduri.

41.11.2 L-unika problema li hemm li ser isir xi żvilupp fi Sqaq nru 3, Triq it-Torri u għalhekk jaqbel li nħallu dan l-isqaq għal aħħar.

## 41.12 SERVIZZ TA' DATA PROTECTION OFFICER

41.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-offerta tad-Data Protection Officer skadiet u għalhekk intalbu kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

41.12.2 Kien hemm tlett offerti:
Offerta 1 – €270 +VAT kull xahar
Offerta 2 - €50 +VAT kull xahar u €65 is-siegħa għal xogħol relatat mas-servizz
Offerta 3 - €2,400 +VAT capped għal 4 siegħat fil-ġimgħa.

41.12.3 Saret diskussjoni fir-rigward, fejn il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-offerta tingħata lill-offerent nru 2.

## 41.13 SISTEMA TA' PAYROLL GĦALL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV

41.13.1 Is-Sindku David Schembri ta l-kelma lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn din spjegat li nġabru 4 proposti minn kumpaniji li għandhom sistema tal-payroll. Hija resqet rapport li indika l-prezzijiet ta' kull kumpanija.

41.13.2 Offerent 1 - €450 fis-sena
Offerent 2 - €324 fis-sena u €40 fis-siegħa għal data migration
Offerent 3 - €360 fis-sena u €550 training ta' 6 siegħat
Offerent 4 - €329.22 fis-sena u €45 is-siegħa training

41.13.3 Saret diskussjoni fir-rigward u fejn b'maġġoranza l-Kunsill qabel li tintgħażel. Il-proposta tal-offerent nru 4.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 41.14 PERFORMANCE BONUS GĦAS-SENA 2021 TAL-EX SEGRETARJU EŻEKUTTIV U L-EX CLERK TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

41.14.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-ex impjegati tal-Kunsill huma intitolati għall-performance bonus għas-sena 2021 pro-rata u għalhekk irid jiġi deċiż liema persentaġġ ser jingħataw.

41.14.2 Saret diskussjoni fir-rigward fejn il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-ex Segretarju Eżekuttiv jingħata 5% u l-ex part-time clerk tingħata 3%.

## 41.15 DATA GĦAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA'

41.15.1 Is-Sindku qal li f'April imiss li nagħmlu laqgħa oħra tal-lokalita'.Ġie deċiz li din issir fl-istess ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill it-Tlieta 19 t'April fil-17:00.

## 41.16 SOTTO KUMITAT FINANZI

41.16.1 Is-Sindku qal li issa għaddew tliet snin minn din il-leġiżlatura u għalhekk bħal ma jsir f'nofs kull leġiżlatura, jinbidel il-kumitat tal-Finanzi.

41.16.2 Is-Sindku qal li dan is-sotto kumitat ikun dejjem iffurmat minn membru minn kull partit politiku, u hu jkun iċ-Ċermen tiegħu. Għaldaqstant ippropona li l-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia għandhom ikunu parti minn dan is-sotto kumitat minflok il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis.

41.16.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia aċċettaw li jiffor maw parti minn dan is-sotto kumitat.

41.16.4 Għaldaqstant, mil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali s-sotto kumitat tal-finanzi se jkun iffurmat kif ġej:

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Ċermen – Is-Sindku David Schembri
Membri – Il-Kunsillier Charles Zerafa
Il-Kunsillier Daniel Farrugia

## 41.03 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

41.3.1 Is-Sindku nforma l-kamra li hu flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw memorandum of understanding mal-Public Works sabiex isir il-pavimentar ta' Triq Rokku Buhagiar.

41.3.2 Tkellem ukoll dwar Triq il-Ġwiewel fejn jidher li saru arranġamenti ma' sid il-barriera sabiex l-ilma jiskula ġol-barriera. Kompla jgħid li hemm bidu ta' soluzzjoni u issa naraw x'ser ikun l-eżitu.

41.3.3 Is-Sindku nforma l-kamra li daħlu rapporti dwar il-bżonn li jsiru double yellow lines fi Triq Santa Katerina u b'hekk jitnaqas parkeġġ minħabba li qed ikun hemm diffikulta meta tkun trid tgħaddi xi vettura naqra kbira.

41.3.3.1 Saret diskussjoni fir-rigward u ġie deċiż b'mod unanimu li jsiru dawn id-double yellow lines.

41.3.4 Is-Sindku tkellem ukoll dwar proposta mill-amministratur ta' binja li hemm fi Triq Nicolo Communet fejn qed jitolbu li jsiru bins qrib ir-residenza sabiex wieħed ikun jistgħa jarmi l-boroz tal-iskart fihom jew biex isiru grampuni mal-faċċata sabiex wieħed ikun jistgħa jdendel il-borża magħha.

41.3.4.1 Is-Sindku qal li hu tal-fehma li naċċettaw il-proposta li jsiru l-grampuni. Saret diskussjoni fir-rigward fejn il-Kunsill qabel b'mod unanimu li nagħtu l-permess li jsiru l-grampuni mal-faċċata bil-patt u l-kundizzjoni li ma jkunux ta' ostaklu.

41.3.5 Fir-rigward tal-Kappella tal-Grazzja, s-Sindku qal li l-Ministeru tat-Turiżmu ddeċieda li għalissa ix-xogħol fuq din il-kappella jkun pospost u minflok isiru d-dwal tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena sabiex dan il-proġett ikun komplut minn kollox.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

41.3.6 Is-Sindku tkellem dwar endorsement li ġie ffirmat mal-FAA f'isem il-Kunsill fir-rigward ta' ħarsien ambjentali.

41.3.7 Is-Sindku saqsa lil Kunsillier Charles Zerafa f'hiex wasalna fuq il-mobile app minħabba li wasal iż-żmien biex jingħalaq il-proġett. Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li wasalna fil-fażi finali u ser jikkuntatjahom sabiex naraw x'inhuma l-aħħar żviluppi.

41.3.8 Is-Sindku nforma l-kamra li għandna talba mid-Day Centre taż-Żurrieq sabiex nibdew inħalsu t-trasport ta' kull nhar ta' Ħamis. Is-Sindku ppropona li tgħaddi din il-proposta u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

41.3.9 Is-Sindku wera l-apprezzament tiegħu lil Parks Malta għal numru ta' siġar li saru quddiem iż-żewġ każini tal-banda.

41.3.10 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr tal-pittura ta' Santa Katerina fejn qal li r-restawr huwa lest u issa qed naħdmu fuq il-ktieb li hu abbinat mal-proċess tar-restawr. Qal ukoll li rridu naraw kif u meta nagħmlu attivita sabiex nippromwovu l-ktieb u r-restawr tal-pittura.

41.3.11 Is-Sindku nforma l-kamra li ġejna mwegħda li l-kumplament ta' Triq Ħal Lew għandha titkompla u għandhom jitħawlu xi siġar t'Tal-Lewż ġewwa Sqaq il-Lhudija.

41.3.12 Fir-rigward tal-Ktieb tal-Annimali, s-Sindku qal li dan issa ġie ppubblikat u rridu naraw kif ser nikkolaboraw mal-iskola sabiex nippromwovu dan il-ktieb.

## 41.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

41.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja saqsa fir-rigward tal-patching plant ta' Xagħri l-Imqalleb. Is-Sindku nfurmah li ma rċivejna ebda komunikat fir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

41.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar stage imkisser fi Triq it-Tempesta. Is-Sindku nfurmaha li l-entita' konċernata hi nfurmata fir-rigward u għandhom isiru t-tiswijiet neċessarji.

## 41 .5 RAPPORTI

41.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 41.17 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

41.17.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €26,024.58 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 03/22 u €37.24 skont il-Petty Cash Ref Z/02.

41.17.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet jiġu approvati.

41.17.3 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

41.17.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 41.18 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

41.18.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 19 t' April, 2022 fil-17:30.

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**